


# XANDAR PRIM TAL-KULTURA MALTIJA

FID-DIZZJUNARJU TIEGĦU, IL-KANONKU ĠAN FRANĠISK AGIUS DE SOLDANIS JAGĦTINA RITRATT ĠENWIN TAL-MALTI LI KIEN QED JISMA' MADWARU U MINJIERA TA' TAGĦRIF FUQ L-ISTORJA SOĊJALI U FOLKLORISTIKA TA' PAJJIŻNA. DE SOLDANIS MA JILLIMITAX RUĦU BISS GĦAT-TIFSIR TAL-KLIEM, IMMA JIRREĠISTRA KULL ASPETT TA' INTERESS MILL-ĦAJJA MALTIJA. GĦALHEKK, ID-'DAMMA' HIJA DIZZJUNARJU ENĊIKLOPEDIKU TAL-ĦAJJA SOĊJALI TAS-SEKLU 18, KIF NAQRAW F'DAN L-ARTIKLU TAL-**KUNSILL NAZZJONALI TAL-ILSIEN MALTI**, LI JAGĦTI ĦARSA ĦAFIFA WKOLL LEJN IL-ĦAJJA TA' DE SOLDANIS U S-SEHEM TIEGĦU B'RISQ IN-NAZZJON MALTI

Dis-sena jaħbat il-250 anniversarju mill-mewt ta' Francesco Agius (1712-1770), magħruf bħala De Soldanis, li ħadem biex jiddokumenta u jxandar elementi storiċi u kulturali li sawru l-identità Maltija fi żmienu, fosthom l-ilsien Malti, id-drawwiet popolari, l-arkeoloġija, l-istorja naturali, it-tradizzjoni letterarja u d-difiża tat-tradizzjoni Pawlina. Fuq l-ilsien Malti, barra x-xogħlijiet tal-grammatika u d-dizzjunarju, kiteb fuq nisel l-ilsien, ġabar il-qwiel u kkopja poeżiji qodma.

De Soldanis twieled ir-Rabat, Għawdex. Meta kien żagħżugħ ta' madwar 17-il sena niżel Malta biex jistudja għal qassis (madwar l-1729-1734). F'dan iż-żmien kien diġà wera dispożizzjoni għall-kultura u beda jikteb djarju personali. Ta' 22 sena reġa' mar Għawdex u hemm qatta' 30 sena.

Beda jinteressa ruħu fil-Malti meta kellu xi 37 sena u meta kien diġà stabilixxa ruħu fost il-letterati. Kemm dam Għawdex ħadem fuq l-istorja tal-gżira Għawdxija, il-grammatika u d-dizzjunarju.

Dawn l-istudji ħadimhom f'ambjent kampanjol maqtugħ, li kien ikiddu għax kien jiżolah mil-letterati, Maltin u kavallieri.

Wieħed għandu jimmaġina li kien imdawwar b'komunità l-biċċa l-kbira tagħha illitterata. Biex ipatti, kien iħobb jilqa' letterati u artisti Maltin u barranin f'daru, u kien igerger mit-telqa kulturali f'Għawdex għax, kif kien jgħid, in-nies kien moħħhom fil-biedja u l-kaċċa u l-logħob tal-karti. Sab solliev fil-qari (kellu biblijoteka fost il-kbar nett f'Malta kollha), fil-korrispondenza ma' letterati Maltin, Taljani u Franċiżi, u fis-safar. Matul dawn il-vjaġġi ltaqa' ma' letterati magħrufa li ħafna minnhom jikkwotahom fil-grammatika u d-dizzjunarju.

Baqa' jgħix Għawdex sakemm kellu 51 sena. Meta ħatruh l-ewwel biblijotekarju tal-Biblioteca Tanseana fl-1763 niżel Malta u kompla jikteb id-dizzjunarju.

Għal xi raġuni, l-istorja ta' Għawdex, il-grammatika u d-dizzjunarju baqgħu manuskritti. Fit-testment kitibhom lill-Biblioteca pubblica, u llum għadhom ikkustoditi l-Biblijoteka Nazzjonali. Il-ġudizzju tal-istoriċi fuq De Soldanis huwa li kien divulgatur prim ta' aspetti kulturali differenti tal-pajjiż imma ta' ħila limitata fl-analiżi tiegħu.

## IX-XOGĦOL TAD-DIZZJUNARJU F'IDEJN DE SOLDANIS KELLU JRAWWEM KUXJENZA NAZZJONALI BILLI JPITTER IL-KARATTRU KULTURALI LI JAGĦŻEL ĠENSU MINN IEĦOR.



### Il-formazzjoni tad-dizzjunarju ta' De Soldanis

Ma kinitx ħaġa ħafifa għal De Soldanis li jaħdem fuq id-dizzjunarju. Waqt li l-kontemporanju Samuel Johnson seta' jdur għad-dizzjunarji ta' qablu u jistqarr kemm kien isibha iebsa kieku kellu jibni dizzjunarju mill-qiegħ mingħajr l-għajnuna ta' dizzjunarji oħra għax kien ikollu joqgħod biss fuq dak li jisma', De Soldanis ġarrab din id-diffikultà ewlenija u b'kuraġġ kbir daħal biex jiġbor il-kliem *"mscerred fel Fom"* tal-kotra. Jekk fi żmienu kien hemm min ma japprezzax ix-xogħol tad-dizzjunarju, allura – jgħidilna De Soldanis – jew dak li jkun hu sajjem mill-ġid li jikseb bid-dizzjunarju jonkella ma jħobbx ilsienu biżżejjed.

Barra minn hekk, De Soldanis ħadem waħdu, mingħajr assistenti. Beda jaħdem fuq id-dizzjunarju madwar l-1750. Kien iqatta' sigħat sħaħ kuljum, u jekk lil Johnson id-dizzjunarju ħadlu tmien snin u nofs, lil De Soldanis ħadlu 17-il sena.

Ix-xogħol tad-dizzjunarju f'idejn De Soldanis kellu jrawwem kuxjenza nazzjonali billi jpitter il-karattru kulturali li jagħżel ġensu minn ieħor. It-tbaħrid fil-Buskett nhar l-Imnarja, il-labar tax-xagħar f'ras in-nisa barranin, il-bizzilla fina tan-nisa tagħna u aspetti oħra tal-ħajja Maltija jintużaw kollha biex jiċċelebraw l-identità tagħna.

### Il-ħidma tad-dizzjunarju

Kollox jindika li De Soldanis kien jikteb id-dizzjunarju fuq folji kbar mill-ewwel, jiġifieri ma kienx jinqeda bil-biċċiet żgħar tal-karti u mbagħad joqgħod jordnahom skont l-alfabett, kif kienu jagħmlu Johnson u Vassalli.

Id-dizzjunarju narawh jikber minn volum wieħed fl-1750, għal żewġ volumi madwar l-1758, u finalment għal erbgħa. Dawn l-aħħar erba' volumi fihom ħafna qtugħ bil-pinna, taħżiż ta' vleġeġ, u żidiet fil-ġenb tal-folja jew bejn il-linji.

Bħall-antikwarju, De Soldanis ried jiġbor kull kelma Maltija ħajja u l-kliem qadim li laħaq miet jew li kien qed imut, bħal *matra* (bit-Taljan: *si eh!*). Kienet reazzjoni naturali għal xi ħadd li jħobb il-lingwa bħalu. Fil-każ tal-kelma *matra* jgħidilna li kienet f'ħalq il-bdiewa ta' dari, u kien iddispjaċieh li mietet, kif naraw fit-tnehida li jagħlaq biha: *Come si perdano le parole!*

*Ħajr lil Dr Olvin Vella li dderieġa l-proġett tat-traskrizzjoni, ir-reviżjoni u l-editjar tad-dizzjunarju 'Damma tal-kliem Kartaġiniż imxerred fil-fomm tal-Maltin u l-Għawdxin' (Malti-Taljan-Latin), ta' elf paġna, miġbur minn De Soldanis. Il-proġett ħa sitt snin u wassal għall-pubblikazzjoni ta' dan id-dizzjunarju wara aktar minn 250 sena bil-ħidma tar-riċerkatriċi Rosabelle Carabott u bl-impenn kollettiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, id-Dipartiment tal-Malti fl-Università, l-Akkademja tal-Malti, il-Biblijoteka Nazzjonali, Heritage Malta, il-Fond RIDT tal-Università, il-Ministeru ta' Għawdex u l-BPC.*